MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru. 1086/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**Vs**

**Conrad Caruana Montaldo**

**Kumpilazzjoni Numru: 1086/2010**

**Illum, 26 ta' Novembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Conrad Caruana Montaldo,** bin Walter u Vivienne nee' Pace, imwielda Pieta', fid-09 ta' Marzu, 1972 u residenti fil-fond numru 82, Swanlake,

Wied Hal Balzan, Balzan u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 138572(M);

Akkuzat talli fil-29 ta' Jannar, 2010 ghall-habta ta' 17:45hrs gewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara, saq vettura bin-numru DBN 804 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lill-Massielle Dimech minn Hal Qormi u nvolontarjement ikkaguna offizi ta' natura gravi skond ma ccertifkat Dr.Edith Vassallo MD mill-MDH.

Il-prosekuzzjoni tablet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat iex jigi gudikat minn di il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:
a) 226(1)(a) tal-Kaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 15(1)(a) u 15(2) tal-Kaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
c) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura somamrja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li fic-citazzjoni hemm imputazzjoni wahda migjuba kontra l-imputat; din tirreferi ghar-reat prospettat f'l-artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe offiza gravi involontarja.

Illi fin-nota tar-rinvijiu ghal guduzju tieghu l-Avukat Generali elenka imputazzjoni ohra fis-sens li minbarra l-

artikolu 226 tal-Kapitolu 9 huwa kwota ukoll l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-ahhar isemmi artikolu jikkontempla reati dwar sewqan minghajr licenzja u sewqan bla kont, traskurat u perikoluz.

Illi pero n-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali

*… skond is-subartikolu 3 ta'l-artikolu 370 … tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li ma li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali naturalment jista' jnaqqas reat jew reati anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta'rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*[1]

Illi ghalhekk, u la darba ma saret l-ebda talba da parti ta'l-Avukat Generali biex waqt il-kumpilazzjoni tizdied xi imputazzjoni kontra l-imputat il-Qorti tista' tiehu biss konjizzjoni ta'l-imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huwa relattivament semplici u fil-verita ftit hemm kontestazzjoni dwarhom. L-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh fi Psaila Street Birkirkara fis-sitta nieqes kwart ta' fil-ghaxija.

Illi skond il-parte leza, Massielle Dimech, li toqghod f'l-imsemmija triq man-naha tal-karreggjata li taghti ghal Santa Venera, kienet ghada kemm harget mid-dar taghha biex taqsam ghan-naha l-ohra tat-triq. Waqqfitilha karrozza li kienet ghaddejja mal-karreggjata taghha (cioe vettura li kienet sejra fid-direzzjonita' Santa Venera) u hi

[1] Ref Pulizija vs Michael Carter Apell Kriminali deciz 07/12/2001.

qasmet. Dimech tghid li hekk kif qasmet l-ewwel karrggjata u giet biex taqsam il-karreggjata l-ohra, hi waqfet, rat vettura gejja min-naha l-ohra, dehrilha li kellha cans tkompli taqsam it-triq u fil-fatt hekk ghamlet pero l-karrozza l-ohra lahqietha. Dimech tghid li hi ratha gejja fuqha din il-vettura u sahansitra pruvat tilqa b'idejha pero xorta inqalbet. Din il-vettura kienet dik misjuqa mill-imputat.

Illi l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Hu jikkonferma li kien qed isuq  f' Psaila Street fid-direzzjoni  ta' Birkirkara u jispjega li fil-hin ta' l-incident it-traffiku kien congested u s-sewqan kien "stop and go". L-imputat kompla jirrakkonta li f'xi hin kien ghadu kemm rega' beda jsuq ghax il-karrozzi regghu bdew jiccaqalqu meta ra persuna quddiemu, ghafas il-break, pero  lahaq laqatha sa kemm waqfet il-karozza. Hu  hareg mill-karozza biex jara x'gara u meta ra lil Dimech ma'l-art prova jcempel ghall-ambulanza pero hareg missier Dimech mir-residenza taghhom u kien ser jaggredih ghalhekk l-imputat telaq jinn fuq il-post pero baqa' sejjer l-ghassa tal-pulizija biex jghidilhom x'kien ghadu kif gara.

Illi permezz tas-sottomissonijiet maghmula f'ismu l-imputat qed isostni li huwa m'ghandu l-ebda responsabbilta ghal dan l-incident ghaliex kienet il-parte leza li kreat emergenza subitanea u din l-emergenza kienet il-kawza prossima ta'l-incident.

Ikunsidrat

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li hemm responsabbiltajiet dwar uzu tat-toroq imposti kemm fuq is-sewwieqa kif ukoll fiq il-pedestrians.

Illi kull sewwieq ghandu ukoll l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "*proper look out*". Gie ritenut li:

*Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout…*

*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[2]

Illi dwar l-obbligi tas-sewwieqa fil-konfornt tal-perdestrians il-Qorti ta'l-Appell Kriminali stabbilit ukoll li:

*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*[3]

Illi dwar l-obbligu tal-pedestrian l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali stabbilit li:

*Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian.*[4]

Illi in oltre gie stabbilit li:

*biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti*

---

[2] Ref Pulizija vs Roderick Debattista Appell Kriminali deciz 26.05.2004.
[3] Ref Pulizija vs Robert Brincat deciza 22.11.2007
[4] Ref Pulizija vs Alfred Caruana deciza 14.5.1955

*tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza.*

Illi f'sentenzi ohra mbaghad, b'mod specifiku dwar meta l-pedestrian ma tesplorax sew it-triq qabel kompliet taqsam, il-Qorti ta'l-Appell Krminiali rribadiet li dan fih innifsu:

*ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor,* ***ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian***[5] *f' dan il-kaz*[6]*.*

Illi l-Highway Code jistabilixxi x'ghandujaghmel pedestrian qabel ma jaqsam u hemm diversi regoli li jridu jigu segwieti; dawn huma is-segwenti:

*23. Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur.*
*24. Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.*
*25. Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira.*
*26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt*

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti
[6] Ref Pulizija vsGaetano Schembri deciza 16.3.1961

*li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda.*
*… … … …*
*33. "Jekk għandek taqsam it-triq minn bejn karozzi pparkjati, uża t-truf ta' barra tal-vetturi daqs li kieku kienu l-kurduna tal-bankina. Ieqaf hemm u kun żgur li tista' tara sewwa madwarek u li t-traffiku jista' jara lilek. Qatt m'għandek taqsam it-triq minn quddiem, jew minn wara, xi vettura bil-magna startjata, speċjalment vettura kbira, għax is-sewwieq ma jkunx jista' jarak.*

Ikkunsidrat

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta li l-parte leza kient qed taqsam triq principali f'hin tal-gurnata meta jkun hemm hafna traffiku.

Illi jirrizulta ukoll li l-parte leza procediet biex taqsam it-triq wara li vettura man-naha taghha tat-triq waqqfitilha u dan ghamlitu minghajr ma ienet taf jekk kiebnx ser iwaqqfilha xi hadd man-naha l-ohra tat-triq. Meta waslet f'nofs tat-triq il-parte leza esplorat il-karreggjata l-ohra u rat il-vettura ta' l-imputat gejja. Minkejja li rat il-vettura ta'l-imputat gejja hi ddecidiet li ghandha bizzejjed cans biex taqsam u hekk ghamlet pero jidher li kienet zbaljata fid-decizjoni taghha ghaliex il-vettura ta'l-imputat lahqitha u laqtietha.

Illi ghandu jigi rilevat li l-parte leza f'l-ebda hin m'allegat li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva; hekk kif ma jirrizultax il l-imputat naqas li josserva xi regola tat-traffiku.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car li l-parte leza mhux biss hadet riskju meta ddecidiet li taqsam it-triq f'zewg bicciet u hadet riskju iehor meta ddecidiet li tkompli taqsam it-tieni kareggjata anke meta kient taf li gejja vettura, imma hi naqset li tosserva ir-regoli fondamentali dwar qsim tat-triq. Min-naha l-ohra huwa car ukoll li l-imputat kien ghaddej fl-karreggjata tieghu, kien qed isuq b'mod diligenti, meta f'daqqa wahda harget l-parte leza min bejn il-vetturi fil-karreggjata l-ohra u hu ma kienx f'pozizzjoni li jiehu xi mizuri biex jevita s-sinistru oltre li jafas il-break, haga li huwa ghamel pero inutilment.

Illi tenut kont tas-suepsost jidher li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh unikament bhala rizlutat tan-negligenza da parti tal-parte leza fil-mod kif hija qasmet it-triq minghajr xi negligenza da parti ta'l-imputat li konsegwentement ma jistghax jinstab hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li, ghar-ragunijiet fuq premessi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fil-paragrafu "b" tan-nota tar-rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali, ma ssbix l-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu fic-citazzjoni u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------